MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1052/2000/1

**Thomas Larkin**

**Vs**

**Karmnu Polidano, Mary Polidano, Godwin Polidano, Michelle Polidano, Kevin Incorvaja u Caroline Incorvaja**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur flimkien ma martu Lilian maghrufa bhala Betty Larkin kienu ftehmu mal-konvenuti Karmnu u Mary Polidano li kellhom joqghodu ghal xi zmien f'appartament tal-konvenuti Godwin (bin l-istess Karmnu u Mary Polidano) u Michelle Polidano li huwa Flat 2, St. Francis

Flats, Bzulija Street, Birzebbugia, liema ftehim pero’ sfratta wara xhur peress li l-istess konvenuti Godwin u Michelle Polidano iddecidew li jmorru joqghodu fih huma stess.

Premess illi l-appartament kien vojt u l-attur kien lahaq garr, ordna, xtara u nstalla diversi oggetti tad-dar u ghamara biex l-appartament jigi abitabbli kif jidher mill-lista Dokument A, liema lista tista’ ma tkunx ezawrenti kif ukoll diversi effetti personali;

Premess illi meta l-attur kien l-Ingilterra, dawn l-oggetti tad-dar u l-ghamara tqassmu mill-konvenuti bejnithom u nzammu minnhom minghajr lanqas biss kien jaf l-attur;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati jikkonsenjaw lill-attur dawn l-oggetti kollha ta’ ghamara u effetti personali ohrajn bl-ittra ufficjali tal-20 ta’ Jannar, 2000 (kopja Dok. B) u b’ittra responsiva tat-30 ta’ Jannar, 2000 (kopja Dok C) l-attur gie informat mill-konvenuti permezz tal-avukat taghhom li kienu qeghdin jirrifjutaw li jikkonsenjaw lura l-ghamara peress li dehrilhom li kienet saret propjeta’ taghhom stess u allegaw li kien ghadda t-titolu taghhom fil-persuna tal-konvenuti.

Premess illi l-attur qatt ma trasferixxa l-propjeta’ ta’ dawn l-oggetti favur il-konvenuti la bhala donazzjoni u lanqas bhala kunsiderazzjoni ta’ xi servigi rezi.

Premess illi sussegwentament l-attur flimkien ma martu kienu hadu lura l-effetti personali minghand il-konvenuti izda mhux l-oggetti tad-dar u l-ghamara;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara u tikkonferma li l-oggetti kollha elenkati u deskritti fl-anness Dokument A u ohrajn li jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza huma proprjeta’ tal-attur u li qatt ma ghadda t-titolu fihom favur il-konvenuti jew min minnhom;

2. Tiddetermina liema mill-konvenuti ghandu il-pussess ta' kull oggett specifiku;

3. Tikkundanna kull konvenut jikkonsenja dak li ghandu fil-pussess tieghu lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Qorti;

4. Fin-nuqqas ta' konsenja fi zmien moghti, tawtorizza l-hrug ta' mandat *in factum* a' tenur tal-Artikolu 385 Kap 12 kontra dak il-konvenut (jew konvenuti) li jkun naqas li jikkonsenja lura l-istess oggetti ta' dar u ghamara, jew parti minnhom, li ghandu fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Jannar, 2000 u tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 13 tal-process fejn eccepew :

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi kien l-istess attur li minhabba l-hbiberija u r-rispett reciproku li kien hemm bejn il-kontendenti huwa kien irregala lill-eccipjenti l-istess affarijiet (eccetto l-affarijiet personali tieghu li gia gew ritornati lilu) u li issa huwa jrid lura;

2. Illi l-affarijiet personali ta' l-attur u li x'uhud minnhom ghadhom jidhru fil-lista Dok. "A" gia gew ritornati lilu;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jissottomettu li l-oggetti kollha elenkati u deskritti fid-Dokument A u ohrajn li jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza huma proprjeta' tal-atturi u li qatt ma ghaddew it-titolu fihom favur il-konvenuti jew min minnhom. Huma qed isostnu li, waqt li kienu l-Ingilterra, l-konvenuta Mary Polidano kienet iddisponiet mill-ghamara u l-effetti personali taghhom billi garret parti mill-ghamara fid-dar taghha, u l-bqija qasmithom bejn it-tfal taghha Godwin u Caroline Incorvaja. Huma qatt ma kienu tawha struzzjonijiet biex taghmel hekk, imma riduha biss li zzomm l-ghamara storjata billi huma ma setghux jibqghu fil-post ta' Godwin Polidano ghax dan kellu bzonn il-post tieghu.

Minn naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li l-atturi kienu ser imorru joqghodu ghand il-konjugi Mary u Karmnu Polidano, u ghalhekk l-ghamara li garrew ghandhom kellha tibqa' tal konjugi Polidano, mentri r-rimanenti ghamara kellha tinqasam bejn it-tfal tal-konjugi Polidano cjoe Godwin Polidano u Caroline Incorvaja.

Ghalhekk il-kwistjoni kollha hi wahda jekk l-atturi kienux taw l-ghamara taghhom lill konvenuti b'rigal jew inkellha ghal *safe keeping* biss sakemm isibu akkomodazzjoni ohra.

L-ewwelnett il-Qorti trid tara jekk fil-fatt l-atturi kienux qed ifittxu akkomodazzjoni ohra cjoe jekk kienux iddecidew li joqghodu permanentement ghand il-konjugi Polidano jew inkellha kienux ser jibqghu ghandhom biss temporanjament sakemm isibu post iehor fejn imorru joqghodu.

Jirrizulta li l-atturi kienu ghamlu zmien fil-post ta' Godwin Polidano, li kien vojt,  fejn l-atturi dahhlu l-ghamara taghhom. In segwitu Godwin Polidano ried lura l-post tieghu, u Mary Polidano, ommu, irrangat, waqt li l-atturi kienu l-Ingilterra, biex iggorr il-*bedroom*, il *washing machine* u l-*fridge* ta' l-atturi fil-post taghha, u l-ghamara l-

ohra tibqa' provvisorjament ghand Godwin sakemm jigu l-atturi minn barra u jiddeciedu x'ser jaghmlu minnha. Meta eventwalment gew minn barra, skond l-atturi, Mary Polidano irrangat biex tqassam, biex tigi storjata l-ghamara li kien hemm ghand Godwin, parti biex tibqa' ghand Godwin u parti tehodha ghand bintha Caroline. Minn naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li meta l-atturi gew minn barra  dawn iddecidew li jaghtu l-ghamara taghhom lill konvenuti b'rigal biex, kif qalu l-konvenuti, jehilsu minn balla fuq l-istonku. Dan ifisser li skond il-konvenuti l-atturi kienu ser jiddisponu mill-ghamara kollha taghhom u jibqghu b'xejn.

Il-konvenuti qed jippretendu li l-atturi kienu bi hsiebhom li joqghodu fil-post tal konjugi Mary u Karmnu Polidano permanentement u kull darba li jigu mill Ingilterra jmorru ghandhom. Mary Polidano xehdet li l-attur ried anke jixtrilha post akbar biex meta jmorru ghandha jkollhom fejn joqghod aktar komdi.  Izda apparti li dina l-allegazzjoni gie michuda mill-atturi, fil-fatt l-atturi ma urew ebda intenzjoni li jaghmlu xi haga simili. Anzi jidher li ghamlu zmien ifittxu xi post ghalihom.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha tasal ghal konkluzzjoni li l-atturi, wara li spiccaw barra mid-dar ta' Godwin Polidano, gew f'posizzjoni li kellhom jaccettaw mizura temporanja cjoe li joqghodu ghand il-konjugi Mary u Karmnu Polidano sakemm isibu post iehor fejn imorru joqghodu, kif kellhom qabel ma marru fil-post ta' Godwin Polidano. Ghalhekk ma kienx jaghmel sens li l-atturi jiddisponu mill-ghamara kollha taghhom meta huma kienu qed ifittxu akkomodazzjoni alternattiva u fejn kienu ma kienux komdi. L-atturi kienu jzuru Malta regolarment u kellhom l-intenzjoni li jibqghu jaghmlu hekk u dana ghall perjodu twil fis-sena.

Kif xehdu l-atturi huma qatt ma kienu ser jaslu li jaghtu l-affarijiet personali taghhom meta fosthom hemm rigali li kienu jaghtu lill xulxin u li  kienu oggetti ta' valur sentimentali.

Jidher li l-inkwiet fuq dina l-ghamara nqalet wara l-incident li kien inqala l-airport fejn il-konvenuti urew li ma kienux kuntenti bil-hbiberija li kien hemm bejn l-atturi u l-konjugi Chircop. Imbaghad meta l-attur informa lill Mary Polidano li hu ma kienx ser jibqa' joqghod ghandhom u li ried lura l-ghamara, kien hawn li Mary Polidano qaltlu li l-ghamara zgur ma kienx ser jehodha minghandha.

Kwantu ghad diversi xhieda li gew prodotti mill konvenuti hafna minnhom xehdu fuq dak li qaltilhom Mary Polidano fuq dak li suppost qalilha l-attur, li pero' minn naha tieghu dejjem cahad. Ma hemm ebda xhieda cara u univoka tat-trasferiment tat-titolu tal-oggetti mertu tal-kawza favur il-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti

Tiddikjara u tikkonferma li l-oggetti kollha elenkati u deskritti fid-Dokument A huma proprjeta' tal-atturi u li qatt ma ghadda t-titolu fihom favur il-konvenuti jew min minnhom; (salv dak li gie ritornat mid-dok a fol 48 u 57).

Tikkundanna kull konvenut jikkonsenja lill atturi dak li ghandu fil-pussess tieghu li jappartjeni lill atturi fi zmien hmistax il-gurnata millum;

Fin-nuqqas ta' konsenja fi zmien moghti, tawtorizza l-hrug ta' mandat *in factum* a' tenur tal-Artikolu 385 Kap 12 kontra dak il-konvenut (jew konvenuti) li jkun naqas li jikkonsenja lura l-istess oggetti tad-dar u ghamara, jew parti minnhom, li ghandu fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------